MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2015

Numru. 150/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN BORG**

**VS**

**RAYMOND DEBONO**
**(ID Nru.: 326156M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 150/2007**

Illum, 19 t' Awwissu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Debono, detentur tal-karta tal-identita` numru 326156 (M).

**Akkuzat talli:**

Fl-ewwel (1) t'Ottubru, 2003, u fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. U aktar talli, fl-istess zmien, ikkommetta serq ta` cekk, li jippartjeni lil Nazzareno Sammut, liema serq sar ghad-dannu tal-imsemmija Nazzareno Sammut u li ma jaqbizx l-elf Liri Maltin (LM1,000);

2. U aktar talli, fl-istess zmien, ikkommetta serq ta` cekk, li jippartjeni lill-istess Nazzareno Sammut, liema serq sar ghad-dannu tal-imsemmija Nazzareno Sammut u li ma jaqbizx l-elf Liri Maltin (LM1,000), u dan is-serq hu ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

3. U aktar talli fl-istess zmien, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta` serq;

4. U aktar talli, fl-istess zmien, iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista` jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta` oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c., li jippartjenu lil Nazzareno Sammut, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom;

5. U aktar talli, fl-istess zmien, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c., li jippartjenu lil Nazzareno Sammut, billi holoq pattijiet , dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lil Raymond Debono ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 27, 334, 167, 169, 183 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza tikkoncerna *bank draft* fl-ammont ta` l-elf Liri Maltin (LM1,000) mahrug fuq il-BOV minn certu Nazzareno Sammut. Sammut jghid illi dana l-*banker's draft* huwa aggirah lill-habib tieghu Alfred Delicata, negozjant illi, fil-mument kien f'diffikultajiet finanzjarji u kellu bzonn il-flus sabiex ihallas ghall-*container* ta` merkanzija.

Illi dan il-*banker's draft* inzamm minn Alfred Delicata u dina hija l-ispjegazzjoni ta` kif dan il-*banker's draft* spicca fil-pussess tieghu.

Illi huwa hawn fejn il-verzjonijiet tal-*parte civile* Alfred Delicata u dik tal-imputat Raymond Debono ma jaqblux signifikament. Delicata jghid illi dana l-*banker's draft* insteraq mill-pussess tieghu wara vizita lilu mill-imputat u, sussegwentement, jiskopri li dana l-*banker's draft* kien gie imsarraf minn Raymond Debono.

Debono jghid illi Delicata kien selfu dana l-ammont fuq kundizzjoni li dan is-self jithallas lura. Illi huwa fil-fatt hallas lura dan is-self izda mhux direttament lil Delicata imma f'pagamenti rateali lil certu Josef Buttigieg maghruf bhala l-"Fly-Boy", illum mejjet. Illi, skont hu, kien imqabbad minn Delicata sbiex jigbor il-pagament. Illi, in-sostenn ta` din il-verzjoni, huwa jipprezenta kopji fotostatici ta` rcevuti iffirmati minn dan l-imsejjah "Fly-Boy" u jghid illi l-originali ta` dawn l-ircevuti inghataw mill-imputat lill-ispettur Kevin Borg, l-Ufficjal tal-Pulizija li, originarjament, investiga dawn il-proceduri. Jidhru li dawn l-ircevuti qatt ma gew esebiti mill-Prosekuzzjoni. Id-difiza ttenni, fit-tul, dwar il-karattru tal-"Fly-Boy", frodist maghruf, b'antecedenti ta` kriminali li kien ukoll maghruf talli kien jigbor xi djun ghan-nom ta` kredituri izda jonqos illi jirritorna dak li kien jigbor lil min qabdu.

Illi, ghalhekk, jezistu zewg verzjonijiet, it-tnejn verosimili li, kwindi, tpoggi din il-Qorti f'diffikulta`. Il-verzjoni tad-difiza hija wkoll ikkonfortata bil-fatt illi waqt l-investigazzjoni dwar dan l-incident giet mibdija fis-sena 2004, dina l-kawza giet institwita fi Frar tas-sena 2007.

Illi l-ezistenza ta` zewg verzjonijiet kredibbli u versimili joholqu dubju ragonevoli f'mohh dina l-Qorti, liema dubju ghandu jimmilita a favur tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi:**

Dina l-Qorti tillibera lill-istess imputat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------